# Brothers ta' De La Salle fil-Mellieħa

**Sammy Borg**

"Nilqgħuhom b'qalbna u b'idejna miftuħa fil-Parroċċa tagħna". B'dawn il-kelmiet il-Kappillan tal-Mellieħa Dun Ġużepp Schembri kien laqa' lis-Superjur Ġenerali u lill Freres jew Brothers sħabu meta ġew għall-ewwel darba fil-Mellieħa.

Kien is-Sibt 16 ta' Diċembru 1978, tnejn u tletin sena ilu, meta saret laqgħa ta' merħba fil-Misraħ tas-Santwarju tal-Madonna fejn attendew il-Vigarju Ġenerali Mons. C. Xuereb, Brother Dominic Rosso, Provinċjal tal-Freres ta' Malta, il-Kappillan tal-Mellieħa Dun Ġużepp Schembri, bosta Brothers, għalliema, studenti u Melliħin.



Għal din il-laqgħa ta' merħba attenda wkoll Brother Jose' Pablo Basterrechea, Superjur Ġenerali, li ġie apposta minn Ruma. Wara li saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali sar il-ftuħ uffiċċjali tad-Dar in-Novizzjat Santa Marija, f'Santa Maria Estate fil-Mellieħa.

Fl-ewwel snin din id-Dar tal-Brothers serviet bħala Novizzjat għal dawk iż-żgħażagħ li kienu qed jippreparaw biex jidħlu bħala Brothers fl-istess Komunità u maż-żmien ħadet ukoll ir-rwol bħala dar fejn kienu jsiru ħafna rtiri għal diversi kategoriji ta' nies.

Matul is-snin saru ħafna attivitajiet għal studenti, tfal, żgħażagħ, saċerdoti, reliġjużi u koppji u ż-żgħażagħ taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Mellieħa kemm-il darba għamlu rtiri hemm. Kif jafu ħafna ġenituri, ta' kull sena l-Abbatini tal-Piccolo Clero tal-Mellieħa jqattgħu ftit ġranet ta' mistrieħ bħala xalata tas-sajf ġo din l-istess dar. Saru wkoll diversi Seminars mill-Kunsill Parrokkjali u għaqdiet oħra Melliħin u dan l-aħħar bdew imorru wkoll jagħmlu ġurnata rtir bħala preparament dawk it-tfal li jkunu se jagħmlu l-Griżma tal-Isqof.

Min-naħa tagħhom il-Brothers ma qagħdux lura milli jagħtu servizz fost il-komunità Melliħija u qdew



diversi servizzi bħala Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, taw sehemhom fil-Kunsill Parrokkjali kif ukoll fil-laqgħat tal-Istudenti fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Din is-sena l-Brothers fil-Mellieħa ġew imsejħa mill-Provinċja biex jaqdu dmirhom fil-kulleġġi tagħhom, dawk ta' Stella Maris u ta' De La Salle. Għalhekk din id-dar mhux se tibqa' titmexxa direttament mill-Brothers stess imma minn Direttur flimkien ma' grupp ieħor ta' lajċi. Dawn se jkomplu jmexxu d-dar f'Santa Maria Estate bħala Dar għall-Irtiri, dejjem taħt is-superviżjoni tal-Provinċja tal-Brothers.

Bħala ringrazzjament lil Alla tal-ġid spiritwali kbir li ħareġ minn din id-dar, nhar il-Ħadd 11 ta' Lulju, saret quddiesa ta' ringrazzjament fil-11 ta' filgħodu fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa. Id-Dar għalqet temporanjament fl-aħħar ta' Lulju ta' din is-sena, iżda wara li se jsir xogħol estensiv ta' manutenzjoni u tisbieħ din se terġa' tiftaħ mill-ġdid fi ftit xhur oħra. Infakkru wkoll li kull nhar ta' Sibt fit-8.00pm, matul il-ġranet tas-sajf, se tibqa' issir il-Quddiesa fil-bitħa tad-Dar għal dawk li joqogħdu qrib il-baħar.

Tajjeb hawnhekk insellmu lill-Brothers li taw is-servizz tagħhom tul dawn is-snin waqt li nirringrazzjawhom f'isem il-komunità Melliħija tal-ġid li ħallew fostna. Żgur li ħafna minna jiftakru lil Bro Emmanuel, Bro Michael, Bro Dominic, Bro Louis, Bro Edmond, Bro Felix, Bro Victor, Bro Jeffrey, Bro David, Bro Saviour u Bro Oscar. Il-ġid li ħallew warajhom dawn in-nies qegħdin ingawduh aħna llum.

Sultana
Undertakers



*Funeral Services*
**(Night and Day Service)**

'Miċbħa',
Triq Dun Franġisk Sciberras, MELLIEĦA
**Tel: 2152 1908 / 2157 3316**
**2152 1933**
**Mobile: 9947 2509**